**Laqgha Numru 11/K6/2008**

**Introduzzjoni**

Minuti tal-Hdax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2008 li saret nhar l-Erbgha 3 ta' Settembru 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.45 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fit-28 ta' Awissu 2008. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 09/K6/2008.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 09/K6/2008.**

**03. Approvazzjoni tal-Minuti 10/K6/2008.**

**04. Punti li johorgu mill-Minuti 10/K6/2008.**

**05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**06. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**07. Mistoqsijiet.**

**08. Korrispondenza.**

**09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**11. Specifikazzjonijiet ghall-kuntratti li ser johrog il-Kunsill.**

**12. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**13. Materji Ohra**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 09/K6/2008.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 09/K6/2008 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 09/K6/2008.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 09/K6/2008 item 2.03, ghall-Minuti 08/K6/2008 item 4.03, ghall-Minuti 07/K6/2008 item 2.08, ghall-Minuti 05/K6/2008 item 6.35 u ghall-korrispondenza numru **46/2568/08/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera kif ukoll kien ippropona li l-Kunsill jerga' jikteb lill-Onor. Prim Ministru kif ukoll li kopja taghha tintbaghat lir-residenti kollha ta' Pembroke kif ukoll li l-Kunsill jikkunsidra li jaghmel Press Conference fit-triq imsemmija kemm il-darba l-Kunsill jibqa' jigi njorat, is-Sindku Joe Zammit qal li din l-ittra ser tinkiteb fil-jiem li gejja.

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 09/K6/2008 item 2.04, ghall-Minuti 08/K6/2008 item 8.21 u ghall-korrispondenza numru **46/3702/08/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill jixtri dawn il-kotba minghand BDL bhala rikonoxximent ghad-donazzjoni ta' kotba li kienu taw lill-Kunsill meta nfethet il-librerija pubblika, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li d-Dipartiment tal-Libreriji kien ipprovda l-lista tal-kotba li l-ahjar li ghandhom jinxtraw u ntalbet kwotazzjoni minghand BDL, Wise Owl u Merlin Library.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 09/K6/2008 item 2.09, ghall-Minuti 08/K6/2008 item 8.90 u ghall-korrispondenza numri **46/3246/08/I u 46/3273/08/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill japplika ghal dan is-servizz; u jindika l-binja ta' l-iskola primarja ta' bhalissa li fuqha l-Kunsill talab devoluzzjoni u prepara dokument taht inizjattiva PPP kif ukoll li talab li ssir laqgha kemm ma' l-Onor. Dolores Cristina kif ukoll ma' l-Onor. Evarist Bartolo biex il-Kunsill jipprezentalhom dan il-progett, kif ukoll l'issir laqgha pubblika biex ir-residenti ta' Pembroke jaghtu ukoll suggerimenti fuq id-dokument tal-Kunsill halli wara jkun prezentat lis-Sinjuri Onorevoli Membri msemmija, is-Sindku Joe Zammit qal li dawn il-laqghat ser isiru fil-gimghat li gejja.

2.04. B'riferenza ghall-Minuti 09/K6/2008 item 2.12 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill jinstalla Air Conditioner normali li jitwahhal mal-hajt jew mas-saqaf, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien ikkomunika mas-Sur Jason Grech li kien ghamel ix-xoghol t'upgrading tal-Kunsill sabiex jissottometti stima, liema stima ghadha ma waslitx.

2.05. B'riferenza ghall-Minuti 09/K6/2008 item 4.10 fejn is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien ipprovda lill-Kunsill katalgi ta' zewg kumpaniji li jipprovdu uniformijiet sabiex il-membri tal-Kunsill jaghzlu uniformi ghall-impjegati kollha tal-Kunsill.

2.06. Wara diskussjoni li saret il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li tinxtara uniformi ghall-impjegati tal-Kunsill.

2.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.09. B'riferenza ghall-Minuti 09/K6/2008 item 6.38 u ghall-korrispondenza numru **46/3473/08/I** fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-proposta ta' Liquid Studios sabiex tigi upgraded il-Home Page tal-Kunsill skond il-linji ta' gwida godda kif mahruga mill-MITTS ghandha tigi diskussa darb'ohra, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-proposta ghandha tigi accettata.

2.10. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.12. B'riferenza ghall-Minuti 09/K6/2008 item 6.51 u ghall-korrispondenza numru **46/3490/08/I** fejn is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien ipprezenta rapport tas-sieghat li ser tkun qed tahdem Ms. Kirsty Rizzo sa l-ahhar tas-sena fejn jirrizulta li ser tkun hadmet 66 ½ sieghat anqas kif ukoll fejn il-Kunsill kien iddecieda li ghandu jiehu parir minghand id-Dipartiment ghas-Sigurta' Socjali jekk il-Kunsill jistax inaqqas l-ekwivalenti ta' dawn is-sieghat f'paga jew mill-leave annwali u eventwalment tigi nfurmata Ms. Rizzo, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li d-Dipartiment ghas-Sigurta' Socjali kienu nfurmawh li d-decizjoni sta ghall-Kunsill. Il-kelliem qal li kien tkellem ma' Ms. Rizzo u din uriet ix-xewqa li s-sieghat jitnaqqsu mill-leave annwali.

2.13. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li l-Kunsill jaccetta x-xewqa ta' l-impjegata.

2.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 10/K6/2008.

3.01. Il-Kunsillier Lauro Fava rrimarka li fil-Minuti ma kienx hemm indikazzjoni li l-proposta li jsiru flokkijiet ghat-tim tal-football kienet gejja mis-Sur Alex Calleja President ta' Pembroke Athleta Football Club u s-Sur Godwin Gatt coach ta' l-istess tim tal-football.

3.02. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka ukoll li r-rapprezentanti ta' Pembroke Athleta kienu ntervjenew fil-laqgha tal-Kunsill bil-permess tal-Kunsill.

3.03. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 10/K6/2008 kif ipprezentati.

3.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

3.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 10/K6/2008.

4.01. Peress li ma kienx hemm punti x'johorgu mill-Minuti 10/K6/2008, is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 51/2008** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Assocjazzjoni Trasport Pubbliku **(Ara dokument A); Internal Memo 52/2008** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 09/K6/2008 u 11/K6/2008 **(Ara dokument B); Internal Memo 53/2008** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 09/K6/2008 u 11/K6/2008 **(Ara dokument C) u** Performance Appraisal ta' l-iskrivana Kirsty Rizzo ghax-xahar ta' Awissu **(Ara dokument D)**.

5.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghamel riferenza ghall-attivita' organizzata minn Pembroke Scouts fejn irrimarka li kien ikun aktar ghaqli u gust li kieku gew mistiedna l-membri kollha tal-Kunsill u mhux is-Sindku biss, bl-ebda disrispett lejn is-Sindku.

5.03. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa kien informa lill-Pembroke Scouts li huwa ma kienx ser jattendi minhabba mpenji ohra u talab jekk kienx possibbli li jkun sostitwit

minn xi membru iehor tal-Kunsill. Il-kelliem qal li Pembroke Scouts infurmawh li l-istedina kienet ghas-Sindku biss ghax skond huma ihossu li stedina bhal din tmur lejn il-kap ta' l-organizzazzjoni. Il-kelliem qal li dan id-diskors intqal fil-prezenza wkoll tal-Kunsillier Joe Brincat.

5.04. Il-Kunsillier Joe Brincat ikkonferma dak li qal is-Sindku Joe Zammit.

5.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li l-Kunsill ghandu jikteb lil dawn l-ghaqdiet fil-lokal fejn konxji ukoll mir-ristrezzjonijiet finanzjarji li jkollhom, dawn xorta wahda ghandhom jistiednu lill-membri tal-Kunsill kollu u dan fid-dawl li huwa l-Kunsill kollu li jghin fejn jista' lil dawn l-ghaqdiet u dan fid-dawl ukoll li l-Kunsill huwa dispjacut li f'din l-attivita' partikulari fejn kien hemm prezenti grupp ta' scouts minn Pembroke Wales, il-Kunsilliera ma kienux mistiedna.

5.06. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-laqgha li huwa u l-Kunsillier Joe Brincat kellhom mas-Sur Charles Grech – Masgár. Fid-dawl ta' dan, il-kelliem ippropona li l-Kunsill jigbor kwotazzjonijiet ghal servizz ta' masgár u dan vis-a-vis il-progett ambjentali li ghandu fi hsieb li jaghmel il-Kunsill ukoll fid-dawl tat-twaqqif ta' l-Ghaqda Ambjentali Pembroke.

5.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

5.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Peress li ma kienx hemm kummenti s-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 07. Mistoqsijiet.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Korrispondenza.

8.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-korrispondenza kollha ser tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

## 09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma kellux kummenti u ghadda ghall-item li kien imiss.

## 10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill Kunsill li bhalissa qed isiru l-korsijiet tal-kompjuters u fil-futur qarib ser issir laqgha ma dawk l'applikaw biex jaghmlu l-korsijiet ta' l-ECDL u LearnIT.

## 11. Specifikazzjonijiet ghall-kuntratti li ser johrog il-Kunsill.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li milli jidher hadd mill-membri tal-Kunsill ma kien ra l-ispecifikazzjonijiet tat-tenders u ghalhekk qal li dawn ser jigu diskussi fil-laqgha li

jmiss, liema laqgha tkun finali, jigifieri li jekk ma jitressqux korrezzjonijiet jew addendi ghall kuntratti sa qabel il-laqgha, dawn jinhargu kif inhuma bhalissa.

11.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li jekk ser isir hekk mhux ser ikun possibbli li l-process kollu jinghalaq sa l-ahhar t'Ottubru meta jiskadu numru ta' tenders.

11.03. Is-Sindku Joe Zammit qal li jekk ikun il-kaz fil-laqgha li jmiss ikun deciz li dawn jigu estizi saz-zmien li jigu aggudikati t-tenders il-godda.

## 12. Approvazzjoni tal-kontijiet.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument E, F, G u H)**

12.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif pprezentati.

12.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.04. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-kontijiet kollha gew approvati unanimament ghajr ghall-kontijiet ta' Shawn Farrugia u Anthony Mifsud fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava astjena.

12.05. Il-Kontijiet kollha gew approvati.

12.06. Is-Sindku Joe Zammit staqsa lill-Kunsillier Lauro Fava sabiex jaghti valur tax-xoghol li jahseb li sar mill-kuntratturi li kien qed jastjeni mill-hlas taghhom u dan minhabba l-fatt li meta wiehed jastjeni jkun ifisser li dawn ma jezistux.

12.07. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li rigward Anthony Mifsud ihoss li kwazi m'ghamel xejn filwaqt li Shawn Farrugia nofs u nofs. Il-kelliem fakkar li huwa ma kienx ivvota kontra izda astjena.

## 13. Materji ohra.

13.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien hemm problema fl-alarm ta' l-istore tal-Kunsill, li wara diskussjoni fil-Kunsill instabet soluzzjoni u ser tigi rrangata.

13.02. Il-Kunsillier Lauro Fava xtaq ikun jaf ghala kienet inxtrat iz-zebgha u fejn qed isir xoghol biha.

13.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li z-zebgha qed tintuza fejn diga kien sar xoghol mill-Kunsill. Rigward xoghol li kien sar riferenza qabel ghalih f'Juno Flats, il-kelliem qal li fuq parir ta' l-Onor Chris Said il-Kunsill jista' jikteb lid-Dipartiment koncernat sabiex jaghmel ix-xoghol u kemm il-darba d-Dipartiment ma jiehux azzjoni dan ikun jista' jsir mill-haddiema ta' l-IPSL wara li jintalab il-permess kif ukoll jigi nfurmat id-Dipartiment koncernat b'dan.

13.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li rigward il-korsijiet ta' ECDL Start u Learn IT, is-Sur Ray Abela ta' TCTC kien talab biex issir laqgha mal-partecipanti u kien talab li jinghata data.

13.05. Wara diskussjoni li saret is-Sindku Joe Zammit ippropona li din il-laqgha ssir nhar il-Gimgha 12 ta' Settembru 2008 fis-6.30 pm fis-sala tal-Kunsill.

13.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ippropona li fuq suggeriment tar-resident is-Sur Saviour Azzopardi il-Kunsill ghandu jitlob lid-Divizjoni tas-Sahha sabiex darba fil-gimgha tipprovdi tabib li jigi l-Kunsill sabiex ir-residenti jkunu jistghu jiktbu r-ricetti medici taghhom.

13.09. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

13.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.11. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jinzebghu l-linji sofor fi Trejqet il-Beata Adeodata Pisani.

13.12. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

13.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.14. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-unika palm li kien sab kien minghand Derek Garden Centre li kienu 2.5 metres (zokk) ghall-prezz ta' € 350.00 + VAT.

13.15. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li din id-decizjoni ghalissa tibqa' pendenti minhabba l-fatt li jista' jkun li din tkun inkluza fil-progett li ser isir mill-MTA fil-Pembroke Garigue Park.

13.16. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

13.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.18. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li wara li kien tkellem mal-haddiem ta' l-IPSL, dan infurmah li kien lest li jaghmel xoghol ta' welding u ghalhekk irrakkomanda lill-Kunsill li dan ghandu jitqabbad jaghmel ir-railing ta' Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta minflok ma l-Kunsill iqabbad kuntrattur kif kien deciz fil-laqghat precedenti u b'hekk il-Kunsill jifranka eluf ta' Euros.

13.19. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jikseb prezzijiet tal-fittings ta' kee clamps halli l-ewwel xoghol li jsir ikun ir-railings tat-turgien ta' St. Patricks u rigward ir-railings tal-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta nikkonfermaw jekk il-haddiem ta' l-IPSL huwiex lest li jaghmlu parigg dak li hemm ezistenti.

13.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.22. Il-Kunsillier Lauro Fava rrimarka li jekk kemm il-darba r-railing mhux ser isir mill-privat ghandu jibda x-xoghol fuq il-bankina ta' Triq Mikiel Ang Grima.

13.23. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa kien tkellem mal-Perit tal-Kunsill u talbu sabiex jipprovdi survey u stima tax-xoghol li hemm bzonn isir. Il-kelliem qal ukoll li nhar l-Erbgha ser jiltaqa' mal-Kuntrattur u mal-Perit tal-Kunsill fuq il-post biex issir spezzjoni ta' din il-bankina biex jigi certifikat liema partijiet minnha hemm htiega ta' priorita' li jinbidlu.

13.24. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li nhar l-Erbgha l-1 t'Ottubru 2008 ser issir laqgha ma' l-Onor. George Pullicino fil-Bini tal-Parlament fis-6.30 pm.

13.25. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li l-Kunsill jigbor informazzjoni dwar minghand min jistghu jinxtraw il-boroz li qed jintuzaw ghar-riciklagg ta' l-iskart

sabiex wara l-Kunsill ikun jista' jiddeciedi jekk ghandux jipprovdi dawn l-istess boroz lir-residenti minghajr hlas bhala incentiv.

13.26. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jigi rrangat hajt li hemm kumplimentari u bhala kontinwazzjoni mal-passagg li hemm bejn Misrah il-Fortizza u Triq Mandalay liema passagg kien sar mil-Kunsill fis-sena 2005.

13.27. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.29. Is-Sindku Joe Zammit qal li kienu kelmuh diversi persuni li jiffrekwentaw il-Pembroke Rackets Tennis Club fejn talbu li ssir bankina fi Triq Tunis sabiex jigu ffurmati l-parking bays. Il-kelliem qal li l-Kunsill kien diga ddecieda li jsir dan ix-xoghol u talab li tinhareg works order minhabba li huwa wiehed mill-prijoritajiet tal-Kunsill.

13.30. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lis-Sindku u lill-Kunsill li l-istima tax-xoghol mill-kuntrattur tal-Kunsill ma kienetx giet accettata minhabba li l-Kunsill kien hass li hija xi ftit gholja kif ukoll minhabba li kien qrib l-elezzjoni lokali. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill li l-kuntratt tal-kuntrattur li ser jintalab jaghmel dan ix-xoghol kien ser jiskadi fl-ahhar t'Ottubru ukoll u staqsa ikunx ghaqli li dan ix-xoghol isir tul it-tender il-gdid.

13.31. Il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Lauro Fava ikkummentaw li x-xoghol tal-bankina ta' Triq Mikiel Ang Grima kien iktar prijorita u talbu li jsir ix-xoghol ta' tiswija kif spjega s-Sindku Joe Zammit.

13.32. Il-Kunsilliera kollha qablu fil-principju li ghandu jsir ix-xoghol wara li jasal ir-rapport tal-Perit.

13.33. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinhareg cirkulari ghar-residenti ta' Sit A u B San Gorg sabiex jigu nfurmati li mhux ser jibqa' ikun tollerat li jinhareg skart minn filghaxija kif ukoll li jigu nfurmati li ser jibda jkun hemm il-Gwardjani Lokali jaghmlu ronda. Il-kelliem qal ukoll li ser jigu mitluba sabiex ma jithallewx tfal jilghabu bil-ballun fil-passaggi minhabba hsara li qed issir.

13.34. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.36. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li fl-istess cirkulari specjalment lil ta' Sit B ghandhom jigu nfurmati sabiex jikkoperaw ma' xulxin minhabba li ghad hemm problemi ta' parking fil-garaxxijiet kif ukoll li kull min ghandu AC ghandu jara li l-ilma tieghu ma jinzilx fuq in-nies izda jara kif ghandu jigbru sabiex ma jkunx t'inkonvenjent ghar-residenti l-ohra.

13.37. Is-Sindku Joe Zammit qal li ser tinkiteb ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn il-Korp ser jinzamm responsabbli ghan-nuqqas t'azzjoni sabiex jingabru klieb li hawn jiggerrew fil-lokal li qed jitterrorizzaw lir-residenti.

13.38. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill Ii l-librara Dr. Lilian Cremona ma tistax tkompli taghti s-servizz taghha minhabba problemi personali.

13.39. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta t-talba taghha li tieqaf u zied li l-Kunsill ghandu jaghzel lis-Sinjura Monarit Agius.

13.40. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

13.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.42. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-ex skrivana Natalie Busuttil kienet irritornat parti mill-uniformi kif mitluba. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li fil-fridge tal-Kunsill qed jithallew hafna fliexken ta' l-ilma u luminata nofshom mimlija bil-konsegwenza li dawn qed jinhlew u jintremew.

13.43. Il-Kunsiller Lauro Fava fakkar lis-Sindku li kellha tittiehed azzjoni sabiex jingabru sponsors ghall-provvista ta' litter bins kif ukoll irrakkomanda li r-residenti ghandhom jigu nfurmati li l-Kunsill ghamel ir-rapporti tieghu lill-Pulizija dwar persuni li jkunu gew irrapurtati li qed jaghtu fastidju sesswali lil terzi persuni.

13.44. Rigward il-litter bins is-Sindku Joe Zammit qal li ser jinkitbu ittri fejn ser jigu mitluba sponsors ghalihom.

13.45. Il-Kunsillier Joe Brincat fakkar li s-shades tad-dawl f'St. Patricks kienu ghadhom ma tnehhewx mill-Korporazzjoni Enemalta.

13.46. Rigward il-kumment tal-Kunsillier Joe Brincat. is-Sindku Joe Zammit qal li ser jikteb lill-Korporazzjoni Enemalta rigward dan u jekk ma jirrispondux dawn jinqalghu mill-Kunsill.

13.47. Il-laqgha ntemmet fit-8.30pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 17 ta' Settembru 2008 fil-5.45 pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit<br>**Sindku** | Kevin Borg<br>**Segretarju Ezekuttiv** |